**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 42**

**L-Erbgħa 20 ta' Ġunju 2022**

Il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil-Binja tal-Kunsill, li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk - fl-4:30 ta' wara nofs in-nhar.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | - | Sindku |
| Elenia Desira | - | Viċi Sindku |
| Daniel Zerafa | - | Kunsillier |
| Stephen Caruana | - | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Carmel Attard | - | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

| | |
|---|---|
| **42.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| 42.1.1 | Xejn |
| 42.1.2 | Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv innota li l-Kunsillier Daniel Zerafa kien għadu mhux preżenti għal-laqgħa. Dan wasal ftit minuti tard. |
| 42.1.3 | **Nota**. Kunsillier għal f'isem il-Partit Nazzjonalista għadu/a ma ġiex/ġietx elett/a. |
| **42.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 42.2.1 | Elenia Desira pproponiet u Stephen Caruana ssekonda bħala korreti, il-minuti tas-seduta preċedenti numru 40 u ġew approvati b'votazzjoni unnanima fost dawk preżenti. |
| 42.2.2 | Elenia Desira pproponiet u Steven Grech ssekonda bħala koretti, il-minuti tal-laqgħa b'urġenza numru 41 u ġew approvati b'votazzjoni unnanima fost dawk preżenti. |
| **42.3** | **Kommunikazzjonijiet mis-Sindku.** |
| 42.3.1 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fit-2 ta` Ġunju 2022, is-Sindku kellu laqgħa Kastillja fejn saru diskussjonijiet fuq il-binja tal-iskola. |
| 42.3.2 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fl-10 ta` Ġunju 2022, is-Sindku kellu laqgħa mal-Community Police fejn komplew jiddiskuti l-problema tal-Imwejjed u siġġijiet. L-ebda multa ma ħarġet s'issa. |
| 42.3.3 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fil-15 ta` Ġunju 2022, is-Sindku kellu laqgħa mal-Perm Sec fil-Ministeru tal-Ekonomija fejn attendew rapprezentanti mill-OPM u mill-Lands Authority fejn gie diskuss il-Masterplan tax-xatt. Jidher li l-affarijiet ser jibdew jimxu. |
| 42.3.4 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fis-17 ta` Ġunju 2022 is-Sindku kellu laqgħa l-Cleansing Department mas-Sur Ramon Deguara u raprezentant mill-Ministeru tat-Turiżmu fejn ġie diskuss il-Bins max-xatt u fuq il-latrini. Is-Sindku informa li ser isiru 8 Bins ġodda u jitpoġġew xi tankijiet. |
| 42.3.5 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fl-20 ta` Ġunju 2022 is-Sindku kellu laqgħa il-Ministeru tat-Turizmu fejn ġie diskuss il-Master Plan tax-Xatt u twessiegħ tal-bankina tax-Xatt. Il-Ministru tkellem dwar il-Monti ta' fost il Ġimgħa u talab jekk hemmx xi rapprezentant sabiex jidħol għal laqgħa. Is-Sindku qal li min stħarriġ li għamel donnhom il-bejjiegħa mhux javdaw lil xulxin u jridu jitilgħu kollha. |
| **42.4** | **Mistoqsijiet mill-Kunsilliera** |
| 42.4.1 | Is-Sur Daniel Zerafa innota dwar il komunikazzjoni tas-Sindk 42.3.1 fejn qal li jkun aħjar li il-laqgħa issir mal Prim Ministru dirett. |

| | |
|---|---|
| **42.5** | ***Quarterly Report*** |
| **42.5.1** | Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Carmel Attard spjega dan ir-rapport fejn jagħti stampa ċara tal-finanzi tal-Kunsill sa l-aħħar ta Marzu 2022. Kin hemm nefqa akbar li min dak pjanat peress li qed isir ħafna xogħol. FSI qigħed 60% u huwa tajjeb ħafna.<br><br>Dan ġie approvat unanimament fost dawk preżenti. |
| **42.6** | ***Template* għall-paġna ta' *Facebook*** |
| 42.6.1 | Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv Carmel Attard spjega kif ser isir dan it-template li jitpoġġa fuq il-paġni soċjali. L-ewwel jissema is-Sindku umbgħad il-Kunsilliera, segwit mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv, il-ħaddiema tal-Amministrazzjoni u l-kumplament tal-Ħaddiema tal-Kunsill.<br><br>Dan ġie approvat unanimamen fost dawk preżenti. |
| **42.7** | **Loġistika tal-Van tal-kommunità u inawgurazzjoni** |
| 42.7.1 | Is-Sindku informa li kien hemm xi problemi dwar dan is-servizz u għallhekk ġie deċiz li dan il-van jintuża biex imur Raħal Ġdid (poliklinika), Żejtun (hemm Day Centre) u Marsaxlokk internament. Is-servizz jingata b'appuntament.<br><br>Inawgurazzjoi ta dan is-servizz ser jiġi ikkomunikat aktar tard. |
| **42.8** | **Servizz ta' Accountant – Għażla** |
| 42.8.1 | Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv Carmel Attard fakkar li fil-laqgħa preċedenti kien spjega li dan is-servizz jista jinħareġ fuq sejħa basta l-ispiza ma teċċediex il-€5,000. Hu bagħat talba ta' stima lil xi 5 Accountants u rċieva risposta min għand 3 biss. Daniel Zerafa staqsa jekk l-accountant attwali ġietx mgħarfa ukoll fejn ġie rispost li iva, pero ma kien hemm l-ebda rispons min naħa tagħha. It- tlett risposti kienu mingħand:<br><br>**3a Malta** - €12,145 p/a<br>**Martin Doublet -** €6,500 ex VAT p/a<br>**Cutajar & Busuttil Accountancy** - €4,950 ex VAT p/a<br><br>Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv Carmel Attard informa li ċċekja fuq Cutajar & Busuttil Accountancy, fejn qal li jidru li huma tal-affari tagħhom. Il-kuntratt propost ġie iċċekjat mill-avukat ukoll u qiegħed skont kif titlob il-liġi. Il-Kuntratt ser ikun għal sena u li jkun jista jiġġedded. Dan sabiex jkun jista jiġi terminat f'kas li x-xogħol ma jsirx kif mitlub.<br><br>Dawk preżenti qablu unanimament sabiex jingaġġaw lil Cutajar & Busuttil Accountancy. |

| | |
|---|---|
| | |
| **42.9** | **Bord tal-għażla għal *interview* – Ħatra** |
| 42.9.1 | Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv Carmel Attard fakkar li ħarġet sejħa għal-skrivan/a *part time*. Għall din is-sejħa kien hemm applikazzjoni waħda. Huwa qal li hemm bzonn jinħatar Board sabiex isir l-interview. Il board ser ikun Iifurmat hekk:<br><br>Mr Adrian Mifsud<br>Mr Steven Grech<br>Dr Richard Sladden<br>Segretarju tal-Bord : Mr Carmel Attard |
| **42.10** | **Evaluation Board - Membri** |
| 42.10.1 | Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv Carmel Attard informa li peress li dan il Board hemm persuna nieqsa minħabba li Dr. Janice Chetcuti temmet il-kariga, floka ser ikun hemm temporanjament Ms.Nadine Camilleri, impjegata tal-Uffiċċju Amministrattiv. |
| **42.11** | **Sqaq Busbież** |
| 42.11.1 | Is-Sindku spjega li ma nstabux finanzi u għalekk saqsa jekk jaqblux li jitobu għall fondi alternattivi. Stephen Caruana staqsa dwar il-bandli u jekk jistgħux jintuzaw xi fondi minhemm. Is-Sindku spjega lil-proġett ser ikompli, l-bandli ordnati pero għadhom ma waslux. Ser isir xi tibjid ukoll mill ħaddiema tar-Regjun. Daniel Zerafa qal li jeħtieġ isiru aktar bandli. Is-sindku spjega li dawn iżidu aktar spejjeż.<br><br>Rigward Sqaq Busbiezi sar qbil li jekk ma jinstabux finanazi ser jrrikorru għad-DPF Funds. |
| **42.12** | **Devolution: Dogpark (embelishment)** |
| **42.12.1** | Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv Carmel Attard kif meta titlob devoluzzjoni t'art jew binja tkun qed iżid aktar spejjeż relatati ma kera. Għalhekk rigward id-dogpark qed jintalab li isir Embelishment. Ġew infurmati ukoll li l-quddiem jaf ikun hemm fondi li jindirizzaw dan il-ġnien. |
| **42.13** | **Latrini Pubbliċi.** |
| **42.13.1** | Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv Carmel Attard spjega kif waqt il-laqgħa kie hemm mad-direttur kellhom *feedback* tajjeb u qablet li dawn għandhom jitranġaw u jsiru bi ħlas. Wara din il-laqgħa saret oħra mal-Cleansing Dept fejn inqalgħu xi problemi.<br><br>Mill-Ministeru ġie suġġeritt li jitpoġġew Container lest attrezzat b'tgħammir li jitnaddaf waħdu wara l-uzu. Is-Sindku tenna li hu jixtieq li l-binja ezistenti tiġi tranġata, wara kollox il-Container xorta irid jinstablu post. Din il-latrina takkomoda kemm in-nies li jmorru nhar ta' Ħadd kif ukoll primarjament iL-ħaddiema ta max-xatt. Elenia ziedet ukoll li jiġu bosta Turisti. |

| | |
|---|---|
| | Ser issir diskussjoni mal Ministru Owen Bonnici dwar it-triq il-quddiem. Jekk ma tinstabx soluzzjoni u koperazzjoni sar qbil li ssir Konferenza Stampa fejn jiġi ddikjarat li l-Kunsill mhux ser jibqa reponsabbli mill-Latrini pubbliċi.# |
| **42.14** | **Binja tal-Kunsill** |
| 42.14.1 | Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv Carmel Attard spjega li waqt il-laqgħa mad-Direttur ġie ikkonfermat li l-proċess tad-devoluzzjoni ser jibqa validu u kif ikun hemm konferma fuq il-lok il-ġdid għall bini tal-Kunsill l-proċess ikompli. |
| **42.15** | ***Car Park*** |
| 42.15.1 | Waqt l-istess laqgħa mad-Direttur tkelmu fuq il-Car park  fejn l-idea intgħoġbot ħafna u ser ikun hemm applikazzjoni mgħaġġla għad-devoluzzjoni. |
| **42.16** | ***Planning Authority*** |
| 42.16.1 | • Items Ġew diskussi waqt il-Laqgħa.<br>• Kien hemm oġġezzjoni qawwija mill-ERA dwar il-Hotel. |
| **42.17** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskedi tal-Pagamenti** |
| 42.17.1 | Skeda pagament. Proponiet Elenia Desira u Stephen Caruana ssekonda. |
| **42.18** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 42.18.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fil-17:30 wara li ġiet eżawrita l-aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar  l-Erbgħa 20 ta' Lulju 2022, fil-17:00. |

**Konfermati, illum 20 ta' Lulju 2022.**

**IFFIRMATA**

____________________

**Steven Grech**
*Sindku*

**IFFIRMATA**

____________________

**Charles  Attard**
*Deputat Segretarju Eżekuttiv*